MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Numru. 415/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**--omissis--**
**--omissis--**
**Giovanni Costa**
**--omissis--**
**--omissis--**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Giovanni Costa ta' 18 il-sena bin Franco u Carmen nee' Aquilina, imwieled

Pieta fit-12 ta' Marzu 1983 u joqghod 5, Triq l-Imrabat, Sliema I.D. Card No. 151783(M) gie akkuzat talli fis-7 ta' Lulju 2001 ta' xi l-11.00pm. fil-Belt – Valletta:-

a) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-hanut maghruf bhala 'Baffalo Kiosk', liema hsara hija ta' aktar minn minn Lm50 (hamsin mitt Lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt Lira Maltin) ghad-dannu ta' Shaun Curmi mill-Belt – Valletta, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta;
b) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta;
c) ghedded fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta;
d) hebb kontra Shaun Curmi u Justin Balzan sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339 (d) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta;
e) imbotta lil Shaun Curmi u lil Justin Balzan sabiex iweggghahom jew jinsulenthom u dan bi ksur tal-artikolu 339 (1) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta;
f) hebb ghal Shaun Curmi u Justin Balzan u ikkagunalhom griehi ta' natura hafifa kif iccertifika Dr. Kevin Zammit M.D. tal-isptar San Luqa u Dr. Raymond Patiniott M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) tal-Kap.9 tal-lgijiet ta' Malta;

-- OMISSIS --

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 6 tal-Process u nnutat li l-imputat Giovanni Costa iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qeghda tinstema' mill-Magistrat illum Magistrat Irtirat Dr.

Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata din is-sena quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Fit-tieni lok taghmel referenza ghall-Verbal tas-Seduta tallum fejn l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li fir-rigward tal-imputati Pier (Pier Paul) k.a. Pierre Buttigieg u Marlon Attard il-kawza giet deciza fis-16 ta' Jannar, 2003, fir-rigward tal-imputat Steve Spiteri il-kawza giet deciza fit-23 ta' Lulju, 2003 u fir-rigward tal-imputat Joseph Stephen Gabriel, dan miet fil-mori tal-kawza. Konsegwentement l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li jibqa' l-imputat Giovanni Costa.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Giovanni Costa ddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 325(b), 338(dd), 338(bb), 342, 339(1)(l) u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Giovanni Costa, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-eta' tenera tal-imputat meta sehh l-akkadut, tillibera lill-istess imputat Giovanni Costa taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Giovanni Costa l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------